MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 9/2024 LM

**Philip Tanti (K.I. 383449M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Lidl Malta Limited (C 36317)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Philip Tanti (K.I. nru. 383449M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fit-8 ta' Mejju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent

fil-konfront tas-soċjetà intimata **Lidl Malta Limited (C 36317)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’], kif ġej:

> *“Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ma ppruvax l-istanza tiegħu u t-talba tiegħu ma tistħoqqx li tiġi akkolta.*
>
> *Għal dawn il-motivi, jaqta’ u jiddeċiedi illi jiċħad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjeż kontra tiegħu.”*

**Fatti**

2. Fl-avviż tat-talba tiegħu ippreżentat fl-24 ta’ Novembru, 2023, ir-rikorrent spjega li fil-11 ta’ Ġunju, 2021 huwa kien xtara sett tat-*television* mingħand is-soċjetà intimata, liema *television* kien kopert b’garanzija għal tliet snin. Qal li bejn April u Ġunju tal-2023 huwa beda jesperjenza diffikultajiet tekniċi bis-sett tat-*television*, iżda l-ħsara kienet tikkorreġi ruħha wara ftit sekondi. Qal li huwa mhuwiex persuna teknika u għalhekk ma tax każ ta’ dawn l-interruzzjonijiet. Qal li bejn id-19 u l-20 t’Awwissu 2023, il-ħsara teknika bdiet tidher aktar evidenti, u għalhekk huwa tkellem ma’ ħabib tiegħu li kien jaf li kien xtara żewġ settijiet tat-*television* bħal tiegħu mingħand is-soċjetà intimata, u dan infurmah li kien irritorna ż-żewġ settijiet tiegħu, u ngħata rifużjoni għaliex anki s-settijiet tiegħu żviluppatilhom il-ħsara. Qal li fil-21 t’Awwissu, 2023, huwa mar l-istabbiliment tal-Lidl minn fejn xtara s-sett tat-*television* tiegħu, bl-irċevuta li kellha l-kelma ‘3 YEAR GUARANTEE’ miktuba fuqha bl-idejn, u staqsa għall-*manager* tal-istabbiliment. Qal li l-*manager* infurmatu li ladarba s-sett tat-*television* tiegħu kien għadu kopert bil-garanzija, huwa ma kellux ikollu problemi, u qaltlu wkoll li kien hemm numru ta’ persuni li akkwistaw sett tat-*television* bħal tiegħu u rritornawh, u li ma kellhom l-ebda problema biex

jingħataw r-rifużjoni. Il-*manager* għaddietlu kopja ta' *customer care form,* u talbitu jimla d-dettalji tiegħu fuqha, u jibgħathom lill-kumpannija permezz ta' *email*. Minkejja dan, il-kwistjoni bejn il-partijiet baqgħet mhix riżolta. Ir-rikorrent spjega li għalhekk huwa fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn qiegħed jippretendi li dan jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallsu l-ammont ta' tliet mija u disgħa u erbgħin Euro (€349), prezz tas-sett tat-*television* mixtri mingħandha, li żviluppatlu l-ħsara fil-perijodu tal-garanzija.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet fit-12 ta' Frar, 2024 li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u żiedet tgħid li hija osservat l-obbligi legali tagħha kollha fil-konfront tiegħu. Qalet li l-prodott akkwistat mir-rikorrent, tal-marka Grundig Smart TV, kellu garanzija ta' sentejn skont il-liġi, kif jirriżulta mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess kumpannija. Qalet li meta l-manifattur ta' xi prodott jipprovdi garanzija ta' tliet snin, dan il-fatt jiġi indikat fuq il-ktejjeb promozzjonali li jinħareġ minnha bil-prodotti tagħha, imma s-sett tat-*television* in kwistjoni ma kienx kopert b'garanzija ta' tliet snin. Is-soċjetà intimata qalet li l-perijodu ta' sentejn garanzija kien laħaq skada meta ressaq l-ilment tiegħu għall-ewwel darba mal-kumpannija intimata, u mhuwiex possibbli li s-sistema komputerizzata fil-ħwienet tagħha, toħroġ irċevuta oħra identika għall-irċevuta oriġinali. Qalet li l-kopja tal-irċevuta li tista' tinħareġ ikollha forma u dehra differenti mill-ewwel irċevuta fiskali oriġinali li tkun inħarġet. Qalet li għalhekk l-ebda rifużjoni tal-prezz jew ta' kwalunkwe ammonti oħra li r-rikorrent jista' qiegħed jippretendi, m'hija dovuta minnha.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Mejju, 2024, it-Tribunal ċaħad it-talbiet tar-rikorrent, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidra*

*Illi rriżulta mill-provi illi fil-11 ta' Ġunju, 2021 ir-rikorrent xtara televiżjoni mingħand is-soċjetà intimata. Skont ir-rikorrent din kienet koperta garanzija ta' tliet snin, u dan kif jidher anke mill-irċevuti li huwa esebixxa. Spjega illi dakinhar li ħallas u ħa l-irċevuta f'idejh, induna li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni tal-garanzija u għalhekk ġibed l-attenzjoni tal-kaxxiera u staqsieha għal kemm żmien kienet il-garanzija. Dak il-ħin, il-kaxxiera tagħtu irċevuta oħra fejn kien hemm indikat* "3 year guarantee"*.*

*Bejn April u Ġunju tas-sena 2023 it-televiżjoni bdiet tilgħab u żviluppat bħal sħab/ċpar għal ftit sekondi, iżda r-rikorrent ma tax każ għaliex ma kinitx tiġri ta' spiss. Imbagħad, f'Awwissu 2023 dan beda jsir aktar frekwenti. Għalhekk ċempel ħabib tiegħu li kien xtara żewġ televiżjonijiet mingħandhom, li qallu illi kien ġralu l-istess u fil-fatt hu kien ħadhom lura u ngħata flusu lura. Għalhekk hu mar fil-ħanut b'kopja tal-irċevuta u kellem lil xi ħadd fejn spjega l-każ tiegħu u fetaħ* customer care claim*. Sussegwentement ġie infurmat illi l-prodott in kwistjoni kien kopert b'garanzija ta' sentejn u mhux ta' tliet snin u li l-irċevuta illi huwa kien esebixxa żgur ma ħarġitx mill-kumpannija, li min-naħa tagħhom qatt ma jindikaw il-garanzija fuq l-irċevuta u qalu li din kienet imbagħbsa mir-rikorrent. Illi r-rikorrent ċaħad l-allegazjzoni u żamm ferm mal-fatt illi l-irċevuta kienet inħarġet min-naħa tal-kumpannija.*

*Illi xehed ukoll Giuseppe De Cicco,* Operations Manager *fi ħdan is-soċjetà intimata, li qal illi huwa jieħu ħsieb id-Dipartiment tal-Bejgħ. Ikkonferma illi meta klijent jixtri xi ħaġa jingħata irċevuta bħal Dok. 9 esebit mir-rikorrent, imbagħad jekk għal xi raġuni l-klijent ikollu bżonn irċevuta oħra dan ma jistax jingħata lilu mill-kaxxiera, iżda tinħareġ mis-*supervisor/store manager*, u tkun differenti mill-ewwel irċevuta bħal Dok 12 esebit mir-rikorrent. Qal ukoll illi l-irċevuta ma tistax tinbidel u mhuwiex possibbli illi żżid jew tħassar informazzjoni, u b'referenza għal Dok. 10 qal illi dik qatt ma tista' tinħareġ – la min-naħa tal-kaxxiera u lanqas mis-*supervisor/store manager *u lanqas mill-uffiċċju fl-Italja. B'referenza għal Dok. A esebit mar-risposta tas-soċjetà intimata, spjega li l-prodotti kollha huma koperti b'sentejn garanzija skont il-liġi. Qal ukoll illi meta l-fornitur jiddeċiedi illi jestendi l-garanzija għal tliet snin, din tkun*

*indikata speċifikament u għamel referenza għal diversi prodotti li jidhru f'Dok. B li huma koperti bi tliet snin garanzija bħalma huma l-*airfryer *u l-*ice machine*.*

*Ikkunsidra*

*Illi permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrent qed jitlob li jingħata lura l-ammont ta' €349.00, prezz li huwa ħallas għal televiżjoni mixtri mingħand is-soċjetà intimata, li żviluppat ħsarat fil-perijodu tal-garanzija, li skont hu, kienu ta' tliet snin. Min-naħa l-oħra, is-soċjetà intimata argumentat illi t-televiżjoni kienet koperta b'sentejn garanzija u għalhekk huma ma setgħux jgħinuh, u jekk ried, seta' jikkuntattja lill-fornitur direttament.*

*Illi t-Tribunal għandu quddiemu Dok. B - il-booklet li ġiet ippubblikata fil-ġimgħa meta kien hemm l-offerta tat-televiżjoni, fejn a fol. 12 hemm reklamat it-televiżjoni in kwistjoni kif ukoll* Digital Air Fryer *u* Ice Maker*. Illi filwaqt illi dawn tal-aħħar* (air fryer/ice-maker), *it-tnejn għandhom in-numru 3 indikat bl-aħmar, filwaqt li t-televiżjoni m'għandhiex. L-argument tar-rikorrent – illi n-numru 3 huwa mgħotti – ma jreġġix, u huwa ovvju illi li kieku t-televiżjoni kellha 3 snin garanzija, din ma kinitx tkun mgħottija iżda tkun indikata bħal ma ġew indikati l-garanziji l-oħra.*

*Illi b'referenza għal Dok. 10 esebit mir-rikorrent, it-Tribunal għandu dubji serji dwar l-awtentiċità tal-parti tal-irċevuta fejn hemm indikat* "3 year Guarantee" *u ta' dak allegat mir-rikorrent – u ċioe li din l-irċevuta nħarġet mill-kumpannija, u t-Tribunal jidhirlu li l-verżjoni tas-soċjetà intimata hija ħafna aktar kredibbli u verosimili.*

*It-Tribunal jidhirlu wkoll illi jekk għall-grazzja tal-argument, il-kaxxiera verament inħarġet irċevuta illi kienet għal tliet snin, ir-rikorrent kien iżomm l-oriġinali jew almenu jieħu ritratt tal-oriġinali - u mhux jagħmel* scan *tagħha. Dan m'għamlux u t-Tribunal ma jsib l-ebda raġuni għaliex għandu jemmen il-verżjoni tar-rikorrent.*

*Apparti minn hekk, li kieku l-garanzija kienet verament għal 3 snin, l-irċevuta a fol. 9 kienet tkun biżżejjed u ma kienx ikun hemm bżonn tal-ebda kaxxa jew żieda, għaliex l-irċevuta waħedha kienet tkun suffiċjenti. Il-fatt li r-rikorrent ħass il-bżonn li jagħmel din iż-żieda jkompli jxejjen u jwaqqa' l-argument tiegħu.*

*Illi kif inhu risaput fil-ġurisprudenza tagħna, min jallega irid jipprova, u jekk, kif qed jgħid ir-rikorrent, il-ħabib tiegħu xtara l-istess televiżjoni bi tliet snin garanzija, seta' jekk ried, iġibu bħala xhud f'dawn il-proċeduri. Dan m'għamlux lanqas."*

**L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-30 ta' Mejju, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, filwaqt li tilqa' t-talbiet tiegħu kif kontenuti fl-avviż ippreżentat minnu fit-13 ta' Novembru, 2023.

6. L-appellant spjega preliminarjament, li proċeduri bħal dawn normalment jibdew billi l-konsumatur javviċina lill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur [minn issa 'il quddiem 'l-Awtorità'], fejn wara tentattiv sabiex jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet barra l-qorti, it-talba tal-konsumatur tiġi riferuta lit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur, mingħajr ma l-konsumatur innifsu jkollu għarfien ta' x'jinvolvu l-proċeduri quddiem dan it-Tribunal. Qal li ħafna drabi t-talba ssir minn uffiċjal abbażi tal-informazzjoni mogħtija lilu mill-konsumatur, u l-konsumatur li ma jkollux dan l-għarfien, ħafna drabi jsib quddiemu avversarju li jkun assistit minn persuna b'għarfien legali.

7. L-appellant qal li l-aggravji tiegħu huma bbażati fuq il-fehma tiegħu li t-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi. Qal li fis-sentenza tiegħu, it-Tribunal għamel riferiment għall-*booklet* esebit u ppubblikat fl-istess ġimgħa meta kien hemm l-offerta tas-sett tat-*television* mixtri minnu, fejn apparti r-reklam tat-*television* hemm ukoll reklam tal-*ice maker* u tad-*digital air fryer.* Qal li huwa ma jistax jifhem għal liema raġuni t-Tribunal straħ fuq *scanned copy* ta' dan il-*booklet,* u mhux fuq id-dokument oriġinali, partikolarment meta huwa kien qiegħed jikkontesta l-veraċità tal-i*scanned copy* tal-istess *booklet,* għaliex iċ-ċirku aħmar jgħid *'from Thursday 10th June',* filwaqt li ħdejn prodotti oħra

jidher ċirku aħmar li jgħid li l-prodott għandu għaxar snin garanzija. Qal li ċ-ċirku aħmar li jgħid *'from Thursday 10th June'* sar wara, u ma kienx parti mid-dokument oriġinali. L-appellant qal li huwa lanqas ma jaqbel mat-Tribunal li huwa kellu jżomm l-irċevuta oriġinali jew ritratt tal-oriġinal, għaliex huwa għamel *scanned copy* tal-irċevuta jumejn wara li xtara s-sett tat-*television* għar-raġuni li kif inhu magħruf, il-linka fuq l-irċevuti tibda tittaffa maż-żmien. L-appellant qal ukoll li huwa dejjem ċaħad li b'xi mod kien bidel il-kliem fuq l-irċevuta. Qal li meta wieħed jannaliza l-fuljett esebit, wieħed jista' jara li l-kwalità mhijiex konsistenti, u għalhekk hemm possibilità li dan il-fuljett ġie manipulat.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. Is-soċjetà appellata wieġbet li fl-11 ta' Ġunju, 2021, l-appellant kien xtara mingħandha sett tat-*television* tal-marka Grundig Smart TV għall-prezz ta' €349, u f'Awwissu 2023, dan is-sett tat-*television* żviluppa difett, u għalhekk l-appellant talabha tirrifondilu l-prezz tiegħu. Qalet li hija rrifjutat, għaliex dan is-sett tat-*television* kien kopert b'garanzija għal perijodu ta' sentejn. Żiedet tgħid li meta l-appellant ippreżenta kopja tal-irċevuta li fuqha kellha l-kliem *'3 year guarantee'*, hija kkontestatha għaliex mhuwiex possibbli li s-sistema kompjuterizzata tal-ħwienet tagħha toħroġ irċevuta oħra identika għal dik oriġinali.

9. Is-soċjetà appellata eċċepiet li, in linea preliminari, ir-rikors tal-appell tal-appellant huwa irritu u null, u dan għaliex skont l-artikolu 22(2) u (3) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dritt ta' appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal huwa

konsentit fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; jew fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew meta t-Tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat id-drittijiet ta' min jappella; u fil-każijiet l-oħra kollha fejn l-ammont in kwistjoni jkun jaqbeż l-elf u mitejn Euro (€1,200). Is-soċjetà appellata qalet li l-liġi hija espliċita, li m'għandhomx isiru appelli fuq mertu bħal dak in kwistjoni, aktar u aktar fuq l-apprezzament tal-provi bħal fil-każ in eżami.

10. B'riferiment għall-punt preliminari sollevat mill-appellant li mhuwiex arġinat fil-forma ta' aggravju, is-soċjetà appellata qalet li mhuwiex korrett l-appellant meta jallega li hija l-Awtorità li tirreferi l-każ quddiem it-Tribunal. Qalet li fejn jidher li bejn il-partijiet ma jkunx ser jintlaħaq qbil, ikun jispetta lill-konsumatur li jiddeċiedi jekk iridx jipproċedi quddiem it-Tribunal, u fil-każ preżenti kien l-appellant li għażel li jipproċedi bil-kawża. Qalet li l-proċedura hija waħda informali ħafna, u l-partijiet jiġu ggwidati minn seduta għal oħra, speċjalment fejn xi waħda mill-partijiet ma tkunx assistita minn avukat. Is-soċjetà appellata kompliet tgħid li waqt l-ewwel seduta, l-appellant ġie mistoqsi jekk riedx l-assistenza ta' avukat, u kien hu li rrifjuta, u għalhekk kien it-Tribunal li beda jiggwida lill-appellant, inkluż billi staqsieh jekk kellux xhieda oħra biex jikkorroboraw ċerti stqarrijiet tiegħu, imma l-appellant dejjem irrifjuta.

11. Is-soċjetà appellata qalet li anki f'każ li din il-Qorti ssib li l-appell odjern mhuwiex irritu u null, dan xorta waħda m'għandux jintlaqa'. Qalet li l-appellant qiegħed jitlob li din il-Qorti terġa' teżamina l-provi mressqa, u din il-Qorti, bħala qorti ta' reviżjoni, m'għandhiex faċilment tiddisturba d-diskrezzjoni u l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal, ħlief

f'ċirkostanzi fejn l-apprezzament tal-provi jkun sar b'mod manifestement ħażin jew fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tkun ser tiġi kommessa xi inġustizzja jekk ma tintervjenix. Qalet li l-każ preżenti kien jippernja fuq il-kredibbilità o meno ta' parti jew oħra, u għalhekk kien it-Tribunal li seta' japprezza aħjar min mill-partijiet kien l-aktar kredibbli. Is-soċjetà appellata qalet li l-prova ewlenija esebita mill-appellant, kienet il-kopja tal-irċevuta, u huwa qal li meta mar biex iħallas, ingħata irċevuta normali li ma kinitx tindika li l-prodott kien kopert bil-garanzija, u għalhekk talab kopja oħra li kienet tinkludi din l-informazzjoni. Qalet li filwaqt li l-appellant jgħid li huwa ngħata l-irċevuta immarkata bħala 'Dok. 10', fl-istess ħin kien impossibbli għall-kaxxiera tagħha li toħroġ irċevuta bħall-ewwel waħda. Qalet li kien impossibbli għall-kaxxiera li terġa' toħroġ irċevuta bħalha, iżda bi kliem miżjud bħal dik esebita minnu. Is-soċjetà appellata qalet li huwa impossibbli li tinħareġ irċevuta oħra mill-uffiċċju, u jekk tintalab kopja ta' irċevuta, din ma tkunx bħall-ebda waħda mill-irċevuti esebiti mill-appellant. Qalet ukoll li huwa imposssibbli li tinħareġ irċevuta oħra bħal dik minn uffiċċju ieħor, la mill-*Head Office* u lanqas minn xi uffiċċju fl-Italja. Qalet ukoll li huwa evidenti li l-kliem *'3 years guarantee'* ma ġewx stampati mill-istess magna li toħroġ l-irċevuti li għandha tipi u daqsijiet ta' tipi differenti. Qalet li hija għandha d-dubji tagħha wkoll dwar l-awtentiċità tad-dokument prodott mill-appellant, u qalet li dan ma kellu l-ebda raġuni għalfejn ikollu żewġ irċevuti. Qalet li jekk prodott kellu terminu ta' garanzija ta' sentejn, il-kaxxiera ma setgħetx taqbad u żżid it-terminu tal-garanzija hi. Qalet li fil-każ odjern, is-soċjetà appellata kienet biss id-distributur, u huwa biss il-fornitur li jista' jżid it-terminu tal-garanzija bi ħlas. L-appellata qalet li l-manwal tal-istruzzjonijiet ikollu l-perijodu tal-garanzija indikat, u l-fatt li l-appellant, li jidher li huwa metikoluż fiż-żamma tad-

dokumenti, ma ressaqx dan il-manwal bħala prova, ikompli jikkonferma li l-prodott ma kellux garanzija ta' tliet snin.

12. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellant issa qiegħed jallega li kienet hi li mmanipulat id-dokument esebit minnha, u dan għaliex mid-dokument ippreżentat minnha għandu jirriżulta li l-prodotti kollha reklamati fil-fuljett li kellhom garanzija ta' tliet snin, għandhom ċirku aħmar li jindika dan. L-appellant allega li d-dokument esebit minnha ġie mbagħbas billi żdied ċirku ieħor wara, li jindika 'from Thursday 10th June' biex jgħatti ċ-ċirku l-ieħor tal-garanzija, u qalet li din l-akkuża hija mingħajr bażi. Spjegat li hija toħroġ fuljett kull ġimgħa, u dan il-fuljett partikolari ilu mis-sena 2021, u għalhekk hija ma kellhiex oriġinali *(hard copy)* tiegħu, iżda dan kien *uploaded* fis-sistema kompjuterizzata tagħha. Qalet li t-timbru l-aħmar li jidher fil-fuljett esebit minnha, żgur li kien inkluż fil-fuljett oriġinali. Is-soċjetà appellata qalet li kien jinkombi fuq l-appellant li jressaq prova ta' dak allegat minnu, u hija ma kellha l-ebda obbligu li tippreżenta l-oriġinali tal-fuljett. Qalet ukoll li l-veraċità tad-dokument esebit minnha, ma ġietx ikkontestata fl-ebda waqt tal-provi. B'riferiment għall-insistenza tal-appellant li kien hemm persuni li xtraw sett tat-*television* bħal tiegħu, u li ngħataw rifużjoni mis-soċjetà appellata, hija spjegat li kien l-appellant li għażel li ma jressaqx lil dawn il-persuni sabiex jixhdu, u għalhekk dak allegat minnu jibqa' biss *detto del detto.* Qalet li anki f'każ li dak li qiegħed jgħid l-appellant huwa minnu, wieħed irid jara jekk ir-rifużjoni ntalbitx qabel l-għeluq tas-sentejn minn meta ġie mixtri l-prodott, u għalhekk fi żmien meta l-garanzija kienet għadha valida. Qalet ukoll li anki f'każ li jirriżulta li kien hemm diversi prodotti bħal dan li ġew ritornati, hija ma setgħetx twaqqaf id-distribuzzjoni tiegħu,

għaliex dan kien offrut darba, sakemm il-prodotti nbiegħu kollha fi ftit jiem. Qalet li hija biss id-distributur u mhux il-manifattur tal-prodott, u għalhekk għalkemm hija marbuta b'garanzija fil-konfront tax-xerrej, hija ma tistax minn jeddha taqbad u tirrifondi flus fejn tkun skadiet il-garanzija, għaliex hija marbuta b'għadd ta' obbligi mal-manifattur, inkluż it-terminu tal-garanzija, u għalhekk ma tkunx tista' tiġbor dawk il-flus mingħand il-manifattur tal-prodott jekk tirrifondi l-flus wara li tkun skadiet l-garanzija.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mis-soċjetà appellata. Imma qabel xejn, ladarba ġiet imressqa eċċezzjoni preliminari mis-soċjetà appellata dwar il-proponibbilità *o meno* ta' dan l-appell, il-Qorti sejra tagħmel l-konsiderazzjonijiet tagħha rigward din l-eċċezzjoni. Is-soċjetà appellata tisħaq illi dan l-appell huwa irritu u null, għaliex ma sarx skont dak li jipprovdu s-sub-artikoli 22(2) u (3) tal-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħidu:

> "22. (2) Appell jista' jsir fil-każijiet li ġejjin:
>
> (a) Fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; jew
> (b) Fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew
> (c) Meta t-Tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.
>
> (3) Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont fil-kwistjoni, kalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 20(1), jaqbeż l-elf u mitejn Euro."

14. Jirriżulta li l-ammont in kontestazzjoni f'dawn il-proċeduri ma jeċċedix l-elf u mitejn Euro, għaliex il-pretensjoni tal-appellant hija limitata għall-prezz tas-sett tat-*television* li huwa xtara, jiġifieri tliet mija u disgħa u erbgħin Euro (€349). Dan ifisser li l-appellant ma jistax jibbaża l-appell tiegħu fuq punt ta' fatt. Dan l-appell lanqas m'huwa dwar xi kwistjoni marbuta mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal, u ma jqajjem l-ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni.

15. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jisħaq li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-fatti li kellu quddiemu, billi ma kkunsidrax il-provi b'mod korrett, ħa konjizzjoni tal-provi prodotti mis-soċjetà appellata fil-forma ta' *scanned copy* tal-fuljett li fuqu kienu reklamati diversi offerti, u naqas milli jieħu konjizzjoni akkurata ta' dak li kellu x'jissottometti l-appellant. L-appellant jallega wkoll li fil-każ preżenti hemm nuqqas ta' *parity of arms,* għaliex huwa resaq quddiem l-Awtorità bl-ilment tiegħu, u meta nbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal huwa sab li l-parti l-oħra kienet assistita minn konsulent legali, filwaqt li huwa ma kellu l-ebda konsulent legali jassistih. Mhux ċar jekk permezz ta' dawn l-aggravji l-appellant kienx qiegħed jilmenta minn ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Jean Schembri u Mary Borg *vs.* Queen's Dry Cleaners**[1], ġie spjegat illi:

> *"Konċettwalment, ġustizzja naturali tfisser l-applikazzjoni u l-ħarsien tal-prinċipju bażiku essenzjali tas-smigħ xieraq."*

16. Il-Qorti tirrileva li mill-atti jirriżulta li l-appellant ingħata l-opportunità jressaq il-każ tiegħu, kif ukoll kellu l-opportunità li jressaq il-provi u x-xhieda li

[1] 10.01.2003.

ried hu. Jirriżulta wkoll li kienet għażla tal-appellant li ma jkunx assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu fil-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, bħal ma kienet għażla tiegħu li ma jressaq l-ebda xhud biex jikkonferma li ngħata rifużjoni għall-prodott difettuż li xtara, għalkemm kienu għaddew aktar minn sentejn fuq il-garanzija. Minn qari tar-rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tibqa' mhijiex konvinta li l-interpretazzjoni żbaljata tal-fatti li jallega li kien hemm l-appellant, tammonta għal ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali min-naħa tat-Tribunal. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment dak li kienet iddeċidiet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Johann Camilleri *vs*. Ronald A. Cachia Phoenicia Laundry and Dry Cleaning**[2]:

> *"It-Tribunal għamel l-apprezzament tiegħu, u tajjeb jew ħażin, din il-Qorti ma tistax tissindakah ħlief jekk jirriżultalha li, effettivament, kienet saret it-tip ta' vjolazzjoni ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali li għalihom tirreferi l-liġi."*

17. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qiegħda tikkonkludi li l-mertu tal-appell tal-appellant dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mit-Tribinal, ma jistax jiġi ssindakat minnha.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

[2] 27.05.1999.

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**